MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 260/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Keith Bezzina**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta’ Awissu 2007 li permezz taghha, a tenur ta’ l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, baghtet lill-imsemmi Keith Bezzina quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali li kienet ghamlet ordni ta’ *probation* ghal zmien sentejn bis-sentenza taghha ta’ l-24 ta’ Jannar 2005, biex dik il-Qorti tara li l-imsemmi Keith Bezzina jingieb quddiemha u tara hux il-kaz li ghandha tittratta mieghu ghar-reat li dwaru kienet saret dik l-ordni ta’ *probation* b’kull mod li setghet tittratta mieghu li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati

minnha jew quddiemha tar-reat li dwaru sar l-imsemmi ordni ta' *probation*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Settembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti ttrattat mill-gdid ma' l-imsemmi Keith Bezzina ghar-reat li dwaru kien instab hati bis-sentenza precitata ta' l-24 ta' Jannar 2005 – u cioe` talli bejn it-3 u l-4 ta' Lulju 2004 ghall-habta tas-2.00 a.m. fil-Mosta, ikkommetta serq ta' *diesel* ghad-dannu ta' Fort Block Ltd, liema serq kien aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin – u, wara li rat l-artikolu 276 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tmien (8) xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Keith Bezzina ipprezentat fid-19 ta' Settembru, 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar ir-reita' u tibdilha dwar il-piena billi tinfliggi wahda skond il-ligi u li taghmel ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant jirrigwardaw il-piena nflitta u huma fil-qosor is-segwenti: (1) ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti hu zbaljat legalment peress illi l-Qorti kellha tpoggi lilha nfisha fil-posizzjoni li tregga' l-arlogg lura ghad-data meta tat is-sentenza u tikkommina s-sentenza li kienet taghti ta' prigunerija ghar-reat f'dak il-mument u mhux illum wara li manifestament ikun kiser il-kundizzjoni. Liema Qorti (minghajr ma thares lejn x'gara wara) kienet se taghti piena ta' tmien xhur lil tifel ta' 15-il sena? Certament kienet tersaq lejn il-minimu, jekk hekk kostretta. X'gara wara ma kienx quddiem l-ewwel Qorti fil-mument li tat is-sentenza originali, li minflokha qed taghti wara piena karcerarja. Il-Qorti li ssarraf *probation* trid tpoggi lilha nfisha fil-posizzjoni ta' *status quo ante* u mhux tirraguna *ex post*; (2) l-appellant qieghed jirnexxi fi

programm ta’ rijabilitazzjoni waqt li qieghed iservi l-piena nflitta fuqu. Ix-xebba li kienet mieghu u li geghlitu johrogha u jmur f’disco kontra l-ordni ta’ *probation* issa telqitu u dan huwa effett salutari ghalih. Huwa qieghed jissielet halli ma jergax jinzel il-habs mill-programm. Mhux qed jistenna li ma jkunx hemm piena karcerarja imma li din tkun lejn il-minimu statutorju.

Kwantu ghall-ewwel aggravju l-appellant m’ghandux ragun. Skond l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 il-Qorti **“tista’ tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b’kull mod li setghet tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta’ dak ir-reat.”** Izda dan isir wara li tkun ingabet prova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti **“tad-dikjarazzjoni ta’ htija dwar ir-reat ulterjuri.”** Jigifieri l-Qorti ma tittrattax mill-gdid mal-persuna li dwarha tkun saret xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghal liberazzjoni komunitarja f’vakwu izda fil-kuntest tat-twettiq ta’ reat ulterjuri.

Issa, ir-reat li dwaru l-Qorti tal-Magistrati giet mitluba terga’ tittratta kien dak ta’ serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin. Mis-sentenza moghtija fl-24 ta’ Jannar 2005 jirrizulta li l-appellant kien ammetta din l-imputazzjoni, li l-prosekuzzjoni ddikjarat li hu u tliet ko-imputati ohra kkollaboraw mal-prosekuzzjoni, li l-ammont ta’ *diesel* misruq kien ta’ Lm60, li l-appellant u t-tliet ko-imputati l-ohra li ammettew kienu hallsu lura bejniethom lis-socjeta` derubata s-somma ta’ Lm50, u li l-appellant kien ghad ghandu biss hmistax-il sena.

L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, qalet li l-piena applikabbli kienet dik skond l-artikolu 276 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jipprovdi ghall-piena fejn is-serq huwa kkwalifikat bil-“vjolenza”. Hawn si trattava ta’ serq ikkwalifikat bil-“vjolenza” numerika, bil-“mezz” u bil-“hin”, u ghalhekk proprjament kien applikabbli wkoll l-artikolu 277(b) tal-Kap. 9. Pero`, galadarba ma sarx appell mil-Avukat Generali, il-piena applikabbli f’dan il-kaz ghandha tkun dik li fuqha bbazat il-konsiderazzjonijiet

taghha l-ewwel Qorti, cioe` prigunerija ghal zmien minn disa’ xhur sa tliet snin.

Kif korrettement qalet l-ewwel Qorti, stante li l-appellant kellu biss hmistax-il sena meta kkommetta r-reat in kwistjoni, hu applikabbli l-artikolu 37 tal-Kap. 9 li permezz tieghu l-piena ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn. Jigifieri jekk il-piena tonqos bi grad, din tkun ta’ prigunerija minn seba’ xhur sa sentejn u jekk tonqos b’zewg gradi, il-piena tkun ta’ prigunerija minn hames xhur sa tmintax-il xahar.

L-ewwel Qorti ddecidiet li timponi piena ta’ tmien xhur prigunerija minhabba diversi kundanni in segwitu ghas-sentenza ta’ l-24 ta’ Jannar 2005 u peress illi l-appellant ma gharafx jisfrutta l-opportunitajiet moghtija lilu mill-Qorti. Ghall-korrettezza jirrizulta li kien hemm tliet kazijiet fejn inghata *conditional discharge*, kaz fejn inghata sentenza sospiza ta’ prigunerija u kaz fejn inghata ordni ta’ *probation* li gie mibdul f’sentenza ta’ erba’ snin prigunerija – is-sentenza li qieghed iservi fil-prezent u li permezz taghha ntbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex iwiegeb ghall-ksur ta’ l-ordni ta’ *probation* maghmul fl-24 ta’ Jannar 2005. Kieku tali ksur gie ttrattat bl-istess sentenza li kkundannat lill-appellant ghal erba’ snin prigunerija, l-appellant kien jibbenefika mill-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Barra minn hekk, filwaqt illi l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 37 tal-Kap. 9 u kkunsidrat li kellha tnizzel il-piena b’zewg gradi, ma jidhirx li qieset il-fatturi l-ohra rilevanti ghall-kaz, u cioe` li l-ammont tar-refurtiva kien ta’ Lm60 u li l-appellant flimkien ma’ tliet ko-imputati ohra kienu rrifondew lis-socjeta` derubata s-somma ta’ Lm50. Fl-ahharnett jirrizulta illi wara li l-appellant inghata s-sentenza msemmija ta’ prigunerija huwa ddecieda li fl-ahhar jaghmel xi haga pozittiva billi jidhol fi programm ta’ rijabilitazzjoni. Fis-seduta tal-11 ta’ Marzu 2009 fil-fatt din il-Qorti semghet ix-xiehda ta’ Connie Fenech, rapprezentanta ta’ l-agenzija SEDQA li spjegat il-progress li kien ghamel l-appellant f’dar-rigward. Fl-istess seduta d-difensur ta’ l-appellant talab li din il-Qorti tikkunsidra xi mizura differenti minn dik karcerarja.

Issa, din il-Qorti hi prekluza milli taghti sentenza sospiza ta’ prigunerija peress illi s-subartikolu (7) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 jipprovdi li ordni ta’ sentenza sospiza ma ghandux isir kemm **“(a) meta l-ikkundannat ikun diga` qieghed jiskonta sentenza ta’ prigunerija”** kif ukoll **“(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta’ *probation* jew ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-*Probation*.”**

Il-Qorti hi wkoll prekluza milli taghti xi forma ta’ sanzjoni komunitarja mis-subartikolu (2) ta’ l-artiklu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi: **“Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht *probation* b’ordni ta’ servizz fil-komunità, jew b’ordni ta’ *probation* u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista’ tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1).”**

Ghalhekk l-unika piena li tista’ tinghata lill-appellant hi wahda karcerarja. Wara kollox l-appellant stess fir-rikors ta’ appell tieghu qal: **“Mhux qed jistenna li ma jkunx hemm piena karcerarja imma li din tkun lejn il-minimu statutorju.”**

Effettivament fid-dawl ta’ dak kollu li ntqal qabel din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena sabiex l-appellant jinghata l-piena minima applikabbli.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tmien xhur u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ hames xhur, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Pero`, stante li l-appellant qieghed isegwi programm ta’ rijabilitazzjoni mill-problema tad-droga gewwa Santa Marija, id-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, kemm-il darba r-regolamenti hekk

jippermettu, ghandu jibghat lill-appellant minnufih biex ikompli minghajr interruzzjoni tali programm.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------